# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 415/95 AJM

Kawza numru 33

L-Avukat Dottor Philip Manduca bhala mandatarju specjali ta' Angelo Filippo Mazzerbo u Margherita Giulia Mazzerbo assenti minn Malta

Vs

Rosette Vella sive Rosette Vella Raniolo

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta Marzu 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li Margherita Giulia Mazzerbo u Angelo Filippo Mazzerbo huma l-unici eredi ta' Gaetano Mazzerbo li miet fit-3 ta' Marzu 1994; li fost l-assi ta' l-istess Gaetano Mazzerbo kien hemm flus fil-Bank of Valletta International Limited ta' 86, South Street, Valletta; illi l-konvenuta sbankat mill-kont ta' l-istess Gaetano Mazzerbo l-ammont ta' tnax il-elf hames mitt dollari amerikani ($US12,500) ekwivalenti llum ghall-cirka LM4397; illi jirrizulta li sar sbank ta' dan il-$US12,500

mill-kont ta' Gaetano Mazerbo fis-7 ta' Novembru 1994 u wara li l-konvenuta saret taf bil-mewt ta' l-istess Gaetano Mazzerbo; illi l-konvenuta qeghdha tallega li uzat dawn il-flus biex thallas spejjes maghmulin minn Gaetano Mazzerbo waqt li l-istess kien hawn Malta; illi l-konvenuta ppromettiet li ser taghti spejgazzjoni ghall-komportament taghha u spejjes allegatament maghmulin izda minkejja diversi talbiet baqghet inadempjenti; illi ghalhekk il-konvenuta hi debitrici fil-konfront ta' l-attur nomine fl-ammont ta' US$12,500; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici fil-konfront ta' l-attur nomine fl-ammont ta' US$12,500, illum ekwivalenti ghall-cirka LM4397 jew ammont ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tas-sentenza jew fid-data tal-isbank liema rata hija l-izjed favorevoli ghall-attur nomine liema ammont huwa dovut wara li l-konvenuta sbankat flus mill-kont ta' Gaetano Mazzerbo wara l-mewt tieghu;
2. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut kif fuq spjegat lill-attur nomine.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 1995 u tal-mandat ta' Qbid u mandat ta' sekwestru tal-istess data kontra l-konvenuta li hija minn isssa ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur nomine.

Rat in-nota tal-konvenuta presentata fit-23 ta' Mejju 1995 li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi l-konvenuta ma tinsabx

debitrici fil-konfront ta’ l-attur nomine fl-ebda ammont. L-ammont imsemmi fic-citazzjoni huwa ammont li l-eccipjenti kienet awtorizzata li tizbanka mill-mibki Gaetano Mazzerbo biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes li l-istess defunt Mazzerbo kien gieghla taghmel ghak-kont tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuta.

Rat id-digriet ta’ din l-Qorti diversament preseduta tas-7 ta’ Marzu 1996 li permezz taghha l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-25 ta’ Marzu 1996 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tal-osservazzjonijiet.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-11 ta’ Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm ingiebu hafna provi mill-partijiet dwar ir-relazzjonijiet li kien hemm bejn l-mejjet Gaetano Mazzerbo u l-konvenuta, il-kwistjoni proprja li trid tigi determinata minn din il-Qorti hija limitata ghall-kwistjoni ta’ jekk l-ammont sbankat mill-konvenuta mill-kont tal-istess Mazzerbo fis-7 ta’ Novembru 1994, u cioe wara li l-istess Mazzerbo kien miet, sarx legalment u ghalhekk ghandu jigi mizmum mill-istess konvenuta ghas-saldu jew akkont tal-pretensjonijiet taghha, jew inkella jekk sarx abbusivament u konsegwentement l-istess konvenuta ghandha tigi kundannat tirrifondi l-ammont sbankat lill-werrieta tieghu.

Bhala fatt jirrizulta li Gaetano Mazzerbo, id-detentur tal-kont numru 11920925018 mal-Bank of Valletta International miet fit-3 ta' Novembru 1994. Fis-7 ta' Novembru 1994 il-konvenuta gibdet mill-imsemmi kont is-somma ta' tnax il-elf u hames mitt dollari amerikani (US$12,500) biex b'hekk baqa' bilanc ta' US$389.90 fl-imsemmi kont.

Meta infetah l-imsemmi kont u cioe fl-4 ta' Awissu 1993, anke fuq suggeriment tal-Bank Manager tal-istess bank, il-konvenuta kienet inghatat prokura specjali minn Gaetano Mazzerbo sabiex tkun tista' topera l-imsemmi kont u fost affarijiet ohrajn u in partikolari:-

1. To demand and exact or withdraw from Bank of Valletta International Limited, any sum of money, deposits, interests, documents or other effects which may be due to me (Gaetano Mazzerbo) for any title or cause whatsoever, with power to agree to all terms and conditions set forth for such withdrawal, and to tender in my name due receipt thereof.

Fis-7 ta' Novembru 1994 u bis-sahha tal-imsemmija prokura l-konvenuta attendiet fl-ufficcji tal-bank u sbankat l-ammont fuq imsemmi kif jidher mid-dokument A a fol 5 tal-process. L-atturi ghalhekk, bhala unici eredi tal-istess Gaetano Mazzerbo, meta saru jafu b'dan ipprotestaw mal-konvenuta u talbuha tirrifondi l-ammont hekk indebitament sbankat billi qed jallegaw li dina kienet gja taf bil-mewt tal-mandanti taghha meta irtirat l-flus.

Bhala regola generali l-artikolu 1886 tal-Kap 16 jipprovdi li, fost ragunijiet ohra hemm imsemmija, il-mandat jispicca bil-mewt tal-mandanti. Ghalhekk proprjament il-mandat li kien inghata lill-konvenuta bil-prokura fuq imsemmija spicca u ma kellux aktar effett mit-3 ta' Novembru 1994 u konsegwentement ghal kull fini u effett

tal-ligi l-konvenuta ma setghetx tagixxi in rappresentanza tal-mandanti taghha b'effett minn dik id-data. Izda is-subinciz (2) ta' l-artikolu 1888 tal-Kap 16 jipprovdi li jekk fiz-zmien li jkun agixxa l-mandatarju in forza tal-prokura lilu moghtija huwa ma jkunx konxju tat-terminazzjoni tal-istess mandat, il-fatt tat-terminazzjoni tal-mandat ma jistax jingieb kontra tieghu. Din hija proprju l-bazi tal-kontestazzjoni billi l-konvenuta qed isostni li fis-7 ta' Novembru 1994 hija ma kienetx taf li Gaetano Mazzerbo kien miet.

Ikkunsidrat:-

L-attur Angelo Filippo Mazzerbo stqarr bil-gurament li fl-4 ta' Novembru 1994 billi ma kienx jaf bin-numru tat-telefon tal-konvenuta, li hija parentata mieghu, cempel liz-zija tieghu Giardinella Lucia sabiex, filwaqt li jinformaha bil-mewt ta' missieru, jitlobha in-numru tat-telefon tal-istess konvenuta biex jinformaha bl-akkadut. Din Giardinella Lucia qaltlu li ma kienx hemm ghalfejn jcemplilha huwa stess billi kienet ser tinformaha hi bil-mewt ta' Gaetano Mazzerbo. Xorta wahda izda, jghid l-attur, li huwa wara li ottjena in-numru tat-telefon tal-konvenuta ipprova diversi drabi jikkomunija maghha u irnexxilu jkellimha fit-8.30 a.m. tas-7 ta' Novembru 1994. L-attur kompla jghid li meta ikkomunikala dak li kien gara lill-missieru hi qaltlu li kienet gja taf. L-attur jkompli jghdi li l-ghada rega cemplilha u talabha l-bilanc li kien hemm fil-kont ta' missieru billi kien jaf li kellha prokura.

Ix-xhud Giardinella Lucia ukoll ghamlet affidavit (ezebit a fol 21 tal-process) fejn stqarret "di aver comunicato telefonicamente alla signorina Rosetta Vella Raniolo, il-giorno 4 novembre 1994, la notizia della morte del comune parente geometra Gaetano Mazzerbo avvenuta

il-3 novembre 1994 ..” Fir-risposti li tat fis-6 ta’ Dicembru 1999 ghall-mistoqsijiet in konro ezami l-istess Giardinella Lucia fuq il-mistoqsija “Po dire su quale numero di telefono ha telefonato ed a quale ora?” staqrret hekk: “Io affermo di avere comunicato il-4/11/94 telefonicamente con una collega e amica della signora Rosette Vella, al No telefonico dell’ufficio dove lavora, (00356-484262), informandola della morte del signor Mazzerbo Gaetano, nostro parente. La pregai di riferire il-mio messaggio alla signora Rosette. Lei mi rispose che lo avrebbe senz’altro fatto, aggungendo che conosceva il signor Mazzerbo e che la notizia le era dispjacuta.”

Il-konvenuta konfrontata b’dawn ix-xhieda ma tinnegax il-kontenut taghhom biss tghid li hija giet infurmata bil-mewt ta’ Gaetano Mazzerbo fit-8 ta’ Novembru 1994 u cioe l-ghada li sbankat il-flus meta cemplilha iben id-decuius u talabha ‘bank statement’ tal-flus li missieru kellu depozitati hawn Malta. Dan il-‘Bank statement’ li jgib id-data 8 ta’ Novembru 1994 gie mibghut lill-attur Angelo Mazzerbo fid-9 ta’ Novembru 1994 fid-09.01 ta’ filghodu. Dan li statement rilaxxat mill-bank huwa fi forma ta’ ittra iffirmata minn Charles Alamango – Manager Administration tal-BOVI indirizzata lil Gaetano Mazzerbo fl-indirizz tal-konvenuta u ma jsemmi xejn li d-detentur tal-account kien gie nieqes.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi akkwiziti jidher li bejn in-1993 u l-1994 il-konvenuta kienet dahlet f’xi spejjes u sahansitra ‘bank loan’ bhala rizultat tal-hbiberija li kellha ma Gaetano Mazzerbo, li kien jigi minnha u li beda jigi Malta u anke jimponi fuqha biex tidhol f’certa obbligazzjonijiet. Dan pero’ ma

ghandux jizvija lil din il-Qorti mill-mertu proprju tal-kaz. Wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tal-fattispecjie tal-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li dakinhar li sar li sbank ta' US$12,500 mill-kont ta' Gaetano Mazzerbo, il-konvenuta kienet konsapevoli mil-mewt tieghu u dana ghas-segwenti ragunijiet:-

a) Fl-ewwel lok hemm ix-xhieda mhux kontradetta ta' Angelo Filippo Mazerbo u ta' Giardinella Lucia li jghidu li huma infurmaw lill-konvenuta bil-mewt ta' Gaetano Mazzerbo qabel ma din sbank il-flus.

b) Il-konvenuta kellha l-kontroll assolut fuq il-kont in forza tal-prokura li kien ta Gaetano Mazzerbo u ghalkemm kienet irritata bl-atteggiament ta' Gaetano Mazzerbo meta ma hallasix l-flus din agixxiet biss wara l-mewt tieghu.

c) Il-konvenuta tghid ripetutament li Gaetano Mazzerbo kien dejjem jghidilha li huwa kien ser jhallasha ghall-ispejjes li inkorriet fix-xogholijiet biex taqsam l-appartament taghha biex takkomodah u spejjes ohra, "meta l-kont jkun fih bizzejjed". Issa jirrizulta mill-istatment Dok CA2 a fol 243 li f'Dicembru 1993, u cioe ftit xhur wara li hija kienet lestiet l-appartament u inkorriet l-ispejjes allegati, u hdax il-xhar wara li l-istess konvenuta kienet hadet loan u qed tinkorri pagamenti mensili ta' imghax u kapital ta' LM51 fix-xahar, li f'dan il-kont ta' Mazzerbo kien hemm 'l fuq minn hdax il-elf dollari amerikani, ammont sostanzjali u certament sufficjenti sabiex jkopri l-loan li l-konvenuta kienet hadet. B'dana kollu l-konvenuta ma ghamlet xejn.

d) L-istess jirrizulta fis-sena 1994 meta l-kont mhux talli kien fih bizzejjed biex jkopri l-loan account tal-konvenuta izda jirrizulta li bejn Frar u Mejju tal-istess sena l-konvenuta sbankat madwar

US$3,000 mill-istess kont u dan minghajr inkwiet mill-istess Gaetano Mazzerbo. Wiehed jistaqsi jekk il-konvenuta kellha daqshekk awtorita fuq il-kont u, skond hi, l-ammont hemm depozitat kien taghha biex jaghmel tajjeb ghal-loan u spejjes ghaliex ma gibditx l-ammont kollu allegatament dovut lilha?

e) Ix-xhieda prodotti mill-konvenuta kienu intizi biex juru li d-decujus dejjem obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta. Sahansitra l-Manager tal-Bank jghid espresament li l-flus fl-imsemmi kont kienu tal-konvenuta. Jekk dan huwa minnu ghaliex allura l-konvenuta ma haditx passi qabel.

Minn dan kollu din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni ohra hlief li l-fatt li l-isbank sar ftit granet wara li miet Gaetano Mazzerbo ma kienx b'kumbinazzjoni izda kien rizultat ta' decizjoni mehuda deliberatament mill-konvenuta biex tissalvagwarda l-interessi taghha, ghalhekk l-uzu tal-prokura kien abbuziv u illegali billi f'dik id-data l-mandat kien spicca. Ghalkemm jidher li l-istess konvenuta jista' jkollha xi pretensjonijiet kontra l-eredita tal-mejjet Gaetano Mazzerbo dan bl-ebda mod ma kien jintitolaha li tiehu l-ligi b'idejha u tizvojta l-kont tieghu wara l-mewt tieghu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa' t-talbiet attrici billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenuta sbankat is-somma ta' tnax il-elf u hames mitt dollari amerikani (US$12,500) mill-kont ta' Gaetano Mazzerbo meta kienet taf bil-mewt tieghu u ghalhekk il-prokura kienet spiccat u konsegwentement tiddikjara lill-istess konvenuta debitrici lejn l-atturi qua unici eredi tal-mejjet Gaetano Mazzerbo fis-somma imsemmija u ghal dawn ir-ragunijiet tikkundanna lill-istess konvenuta thallas u tirrifondi lill-atturi

l-ammont ta' erbghat elef erba' mija disgha u sebgghin lira maltin u tmenin centezimu (LM4479.80) ekwivalenti ghas-somma fuq imsemmija fid-data tal-isbank, bl-imghax legali mis-7 ta' Novembru 1994 u bl-ispejjes ta' din il-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri